



Brussell, 20 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12285/19

COPEN 356
JAI 948
EUROJUST 161
ENFOPOL 399
DROIPEN 135
COSI 183

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 11823/19 + ADD 1	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eurojust: l-Unità ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni fl-Era Diġitali - Adozzjoni

Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Settembru 2019, il-CATS laħaq qbil perfett dwar l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eurojust, kif jinsabu fl-Anness.

Soġġett għal qbil mill-Coreper, il-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) huwa mistieden jadotta dawn il-konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tas-7 u t-8 ta' Ottubru 2019, u li jaqbel li jippubblika l-konklużjonijiet f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

B'referenza għall-punt 16, huwa nnutat li l-Eurojust u d-Danimarka għadhom ma kkonkludewx il-ftehim ta' kooperazzjoni tagħhom (sitwazzjoni fl-20 ta' Settembru 2019), iżda x'aktarx tali konklużjoni ssir qabel ma l-konklużjonijiet tal-Kunsill meħmuża jkunu skedati għall-adozzjoni.

(abbozz)

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-EUROJUST:
L-UNITÀ TA' KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA TAL-UNJONI FL-ERA DIĠITALI**

IL-KUNSILL ADOTTA L-KONKLUŻJONIJIET LI ĠEJJIN:

1. Il-Kunsill jirreferi għall-Aġenda Strateġika l-ġdida 2019-2024 adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019, li tistabbilixxi l-protezzjoni taċ-ċittadini u l-libertajiet bħala prijarità ewlenija għaċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss. F'konformità mal-Aġenda Strateġika, l-Unjoni hija impenjata li tiżviluppa u ssaħħaħ il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, ittejjeb il-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u tiżviluppa aktar l-istrumenti komuni tal-Unjoni.
2. Il-Kunsill jilqa' r-rapport annwali 2018 tal-Eurojust (7944/19), u l-progress ulterjuri li għamlet l-Eurojust fit-twettiq tal-missjoni tagħha bħala attur ewlieni fl-iffaċilitar u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ġudizzjarji bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-forom l-aktar serji ta' kriminalità transkonfinali, b'mod partikolari t-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' migrazzjoni illegali, iċ-ċiberkriminalità u l-korruzzjoni. Bħal fi snin preċedenti, fl-2018 kien hemm żieda kostanti fil-każijiet ġodda mressqin quddiem l-Eurojust.

3. Il-Kunsill huwa sodisfatt li l-Eurojust ikkonkludiet ftehimiet ta' kooperazzjoni ġodda mal-Albanija u l-Georgia u ffinalizzat negozjati dwar ftehim ta' kooperazzjoni mas-Serbja, u li prosekuturi ta' kollegament ġodda ġew issekondati lill-Eurojust. Dawn il-ftehimiet ta' kooperazzjoni, kif ukoll il-prosekuturi ta' kollegament, ikkontribwew sostanzjalment biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-pajjiżi terzi kkonċernati. Dan jista' jkun ukoll ta' benefiċċju għal atturi oħra, b'mod partikolari l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2017/1939¹. L-Eurojust hija mħeġġa tiżgura li l-ftehimiet ta' kooperazzjoni l-ġodda jidħlu fis-seħħ mill-aktar fis possibbli, fi kwalunkwe każ qabel it-12 ta' Diċembru 2019, meta jibda japplika r-Regolament (UE) 2018/1727². L-Eurojust hija mistiedna teżamina l-ħtieġa li jiġu konklużi ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi oħra fil-kuntest tal-istabbiliment tal-istrategġija ta' kooperazzjoni tagħha abbażi tal-Artikolu 52(1) ta' dak ir-Regolament. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tħejji rakkomandazzjonijiet għall-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet internazzjonali, mill-aktar fis possibbli wara d-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.
4. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li r-Reġistru Ġudizzjarju Kontra t-Terroriżmu fil-Eurojust, li jiġbor flimkien informazzjoni ġudizzjarja dwar proċedimenti kontra t-terroriżmu mill-Istati Membri kollha tal-UE, sar operattiv f'Settembru 2019. Dan ir-reġistru, li jinkludi informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI³, ser itejjeb l-effettività tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Billi t-trasmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri lill-Eurojust hija prekondizzjoni għar-Reġistru Ġudizzjarju Kontra t-Terroriżmu biex dan jaħdem b'mod effiċjenti u jżid il-valur lill-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-Kunsill itenni l-obbligi tal-Istati Membri li jibagħtu din l-informazzjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138)

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni fir-rigward ta' reati terroristiċi (ĠU L 253, 29.9.2005, p. 22).

IR-RWOL TAL-EUROJUST

5. Il-Kunsill jissottolinja li l-Eurojust hija attur kruċjali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Hija għandha rwol speċjali u proattiv fil-koordinazzjoni ta' każijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni. L-Eurojust hija l-unika aġenzija tal-UE li tikkoordina l-awtoritajiet ġudizzjarji f'kull segment tal-katina tas-sigurtà. Għandha rwol uniku u vitali fil-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjoni transkonfinali serji bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni f'kull stadju tal-proċess tal-ġustizzja kriminali, mill-bidu tal-investigazzjoni ta' delitt sas-sentenza finali.
6. Filwaqt li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) hija responsabbli biex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kriminalità transkonfinali serja, il-missjoni tal-Eurojust hija li tappoġġa u ssaħħa il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni matul kemm l-investigazzjoni kif ukoll il-prosekuzzjoni ta' kriminalità transkonfinali serja. L-Eurojust u l-Europol jikkomplementaw lil xulxin u għandhom ikomplu l-isforzi tagħhom biex jaħdmu flimkien u b'mod komplementari. Il-Kunsill jemmen bis-sħiħ li kemm l-Europol kif ukoll l-Eurojust għandhom interess f'li ż-żewġ aġenziji jaħdmu sew u b'mod effiċjenti, billi t-tnejn li huma għandhom, fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, l-istess għan: li jiġġieldu b'mod aktar effettiv kontra l-kriminalità transkonfinali serja fl-UE u b'hekk tinholq Ewropa aktar sikura.

7. L-UPPE u l-Eurojust għandhom jistabbilixxu u jżommu relazzjoni mill-qrib ibbażata fuq kooperazzjoni reċiproka fi ħdan il-mandati u l-kompetenzi rispettivi tagħhom u fuq l-iżvilupp ta' rabtiet operazzjonali, amministrattivi u maniġerjali bejniethom kif imsemmi fl-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) 2017/1939 dwar l-UPPE u fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) 2018/1727 dwar l-Eurojust. L-Eurojust x'aktarx ikollha rwol importanti fil-ħidma tal-UPPE, b'mod partikolari fl-istadji bikrija tiegħu. Hija għandha wkoll rwol essenzjali fil-każijiet fejn kemm l-Istati Membri parteċipanti kif ukoll dawk mhux parteċipanti jkunu involuti, kif ukoll f'każijiet ta' frodi li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tal-UPPE. Iż-żewġ atturi għandhom ir-rwol u l-post uniċi tagħhom fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-UE. Il-Kunsill jappella lill-Eurojust biex tistabbilixxi relazzjoni mill-qrib mal-UPPE hekk kif dan tal-aħħar jibda l-attività operazzjonali tiegħu. L-Eurojust għandha timpenja ruħha li tassisti lill-UPPE b'mod partikolari ladarba jkun operattiv, inkluż billi tikkondividi mal-UPPE l-għarfien espert tagħha, li akkumulat matul kważi 20 sena, fil-koordinazzjoni u l-appoġġ ta' investigazzjonijiet transkonfinali kumplessi u fir-relazzjonijiet ma' Stati mhux tal-UE. Għandu jiġi stabbilit arranġament ta' ħidma bejn l-UPPE u l-Eurojust mill-aktar fis possibbli.
8. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-UE, bħall-OLAF u l-Frontex. Fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, dawn l-atturi kollha tal-UE għandhom jaħdmu flimkien sabiex jidentifikaw sinerġiji ulterjuri u jagħmlu użu sħiħ mill-forzi tagħhom b'mod koerenti, biex jassistu lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex joħolqu ambjent aktar sigur għaċ-ċittadini tal-UE.
9. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Eurojust biex tkompli tagħmel użu sħiħ mill-pożizzjoni unika tagħha u żżid ir-rwol proattiv tagħha billi tagħmel osservazzjonijiet dwar żviluppi u xejriet fil-kriminalità u fenomeni kriminali fl-UE u lil hinn minnha, u billi ssaħħa l-għarfien u l-istat ta' tħejjija tal-awtoritajiet nazzjonali billi tikkondividi l-informazzjoni magħhom.

IL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI DIĠITALI U S-SISTEMA TA' ĠESTJONI TA' KAŻIJET (CMS)

10. Il-Kunsill jissottolinja li l-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fl-UE teħtieġ titjib fl-iskambju ta' informazzjoni u fl-iżgurar ta' interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-informazzjoni tal-UE f'konformità sħiħa ma' rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data, billi dan isaħħaħ l-iskambju rapidu, affidabbli u sigur ta' informazzjoni u evidenza bejn aġenziji u korpi bħall-Europol, l-OLAF, il-Frontex, l-UPPE u l-Eurojust. L-Eurojust għandha rwol kruċjali fl-iżgurar li jkun possibbli li jsiru kontroreferenzi ta' data nazzjonali, sabiex ikunu jistgħu jsiru konnessjonijiet bejn investigazzjonijiet kriminali differenti. Għal dak l-għan, għandu jiġi żgurat li l-Membri Nazzjonali tal-Eurojust ikollhom aċċess għas-Sistema ta' Skambju Diġitali ta' Evidenza Elettronika li ġiet żviluppata mill-Kummissjoni u titħaddem mill-Istati Membri.
11. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Eurojust biex ikomplu l-inizjattiva tagħhom dwar il-ġustizzja kriminali diġitali, kif ippreżentata fil-laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) tas-6 ta' Diċembru 2018, li tfittex li tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Unjoni biex jikkonnettjaw ma' xulxin b'mod sigur biex jibagħtu u jirċievu informazzjoni (sensittiva) f'każijiet kriminali. F'dan il-kuntest, għandu jittieħed kont ta' soluzzjonijiet eżistenti tal-IT, bħas-Sistema ta' Skambju Diġitali ta' Evidenza Elettronika u l-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sigur ta' Informazzjoni (SIENA).
12. Huwa vitali li l-infrastruttura tal-IT u s-Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet (CMS) tal-Eurojust jaħdmu b'mod effiċjenti u sew, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data, sabiex l-Eurojust tkun tista' tappoġġa l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali fl-indirizzar ta' każijiet kriminali transkonfinali serji. Dan huwa ferm importanti biex l-Eurojust tkun tista' tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali informazzjoni u feedback dwar ir-riżultati rigward l-ipproċessar ta' informazzjoni mistennija minn dawn l-awtoritajiet f'konformità mal-qafas legali tal-Eurojust. Is-Sistema attwali ta' Ġestjoni ta' Każijiet hija pjuttost antika u ma tappoġġax kif adatt l-iskambju ta' informazzjoni. Għaldaqstant l-Eurojust għandha tfittex modi biex ittejjeb u timmodernizza s-CMS tagħha, filwaqt li tieħu kont tal-interoperabbiltà ma' soluzzjonijiet eżistenti jew soluzzjonijiet li qed jiġu żviluppati (bħas-Sistema ta' Skambju Diġitali ta' Evidenza Elettronika).

REGOLAMENT ĠDID DWAR L-EUROJUST

13. Ir-Regolament (UE) 2018/1727 dwar l-Eurojust ser japplika mit-12 ta' Diċembru 2019. Il-qafas legali l-ġdid ser jippermetti lill-Eurojust tindirizza b'mod aktar effiċjenti t-talbiet li qed jiżdiedu kontinwament mill-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari f'oqsma ta' prijarità kriminali bħat-terroriżmu, it-traffikar ta' bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' migrazzjoni illegali, iċ-ċiberkriminalità u l-korruzzjoni.
14. Hekk kif jibda japplika dak ir-Regolament, il-Kulleġġ tal-Eurojust jista' jippreżenta formalment abbozz ta' regoli ta' proċedura ġodda tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 5(5) tar-Regolament. Wara l-approvazzjoni mill-Kunsill, il-Kulleġġ tal-Eurojust jista' jadotta dawn ir-regoli. L-atturi rilevanti huma mħeġġa jwettqu l-ħidma neċessarja kollha sabiex jippromwovu l-adozzjoni rapida ta' dawn ir-regoli, li għandhom jippermettu lill-Eurojust twettaq il-funzjonijiet tagħha b'mod aktar effiċjenti.
15. Il-Kunsill iqis li huwa ferm importanti li l-Eurojust tkun tista' tikkonċentra fuq il-ħidma operazzjonali tagħha, b'mod partikolari billi l-ġħadd ta' każijiet qed jiżdied kontinwament. Għal dan l-għan, l-Eurojust hija mħeġġa tkompli timplimenta bidliet li ser iwasslu għal governanza aktar effettiva u moderna bħala aġenzija tal-UE. Filwaqt li jitqies ir-rwol uniku tal-Eurojust fil-livell tal-UE fil-koordinazzjoni tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' kriminalità transkonfinali serja, inkluż l-appoġġ sinifikanti tagħha għall-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti, għandu jiġi żgurat li l-Eurojust tkun tista' tiffoka fuq każijiet li jirrikjedu koordinazzjoni ta' dan it-tip. Każijiet oħra li jkunu jistgħu jiġu ffaċilitati bl-iskambju ta' informazzjoni u/jew it-trasmissjoni ta' dokumenti ġudizzjarji għandhom jiġi ttrattati permezz ta' kanali oħra, bħan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) f'materji kriminali.
16. Il-Kunsill jilqa' l-konklużjoni tal-ftehim bejn l-Eurojust u d-Danimarka, li permezz tiegħu jiġi żgurat li l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Eurojust ma jħalli ebda lakuna fil-qafas ta' kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE.

TITJIB TAL-KOOPERAZZJONI U L-KOORDINAZZJONI MAN-NETWORKS

17. Il-Kunsill jirreferi għall-konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2019 dwar "Is-Sinerġiji bejn l-Eurojust u n-networks stabbiliti mill-Kunsill fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali" (ĠU C 207, 18.6.2019, p.1). Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Eurojust biex, f'kooperazzjoni man-NĠE, in-Netwerk dwar il-Ġenoċidju, in-Netwerk tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (JITs) u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità (EJCN), timplimenta l-konklużjonijiet stipulati f'dak id-dokument, moqri flimkien mas-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fid-dokument konġunt anness ma' dawk il-konklużjonijiet.

RIŻORSI

18. Il-Kunsill jirreferi għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2018, li jappellaw għal miżuri li jipprovdu lill-Eurojust, kif ukoll lill-Europol, b'riżorsi adegwati biex jiffaċċjaw l-isfidi ġodda kkawżati mill-iżviluppi teknoloġiċi u x-xenarju li qed jevolvi ta' theddid għas-sigurtà, inkluż permezz ta' kooperazzjoni bejn l-aġenziji u aċċess imtejjeb għad-data. It-theddid attwali għas-sigurtà tal-UE u l-Istati Membri tagħha - ikkawżat mit-terroriżmu, il-faċilitazzjoni ta' migrazzjoni illegali, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-bnedmin u t-traffikar ta' drogi - ikompli jirrikjedu rispons effettiv mill-pulizija u l-ġudikatura. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja li l-katina tas-sigurtà u tal-ġustizzja kriminali għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda sabiex tiġi żgurata sigurtà komprensiva fl-Unjoni. Għalhekk, l-importanza u r-rwol tal-atturi kollha involuti f'din il-katina għandhom ikunu rikonoxxuti sabiex jiġu evitati impedimenti f'xi parti tal-katina u, agħar minn hekk, impunità definittiva.

19. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Eurojust tiffaċċja ammont ta' xogħol li dejjem jiżdied, inkluż il-kompiti ġodda tagħha bħal dawk relatati mar-Reġistru Ġudizzjarju Kontra t-Terroriżmu, iż-żieda fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-implimentazzjoni Prattika tar-Regolament (UE) 2018/1727. Għalkemm l-ammont ta' xogħol operazzjonali u l-kompiti tal-Eurojust żdiedu b'mod konsiderevoli, il-baġit tagħha ma żdiedx. Barra minn hekk, il-Kunsill jissottolinja li ż-żieda proposta fir-riżorsi finanzjarji għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, li potenzjalment twassal għal żieda fl-għadd ta' każijiet, jista' jkollu impatt addizzjonali fuq l-ammont ta' xogħol tal-Eurojust. Il-Kunsill itenni l-importanza li l-Eurojust ikollha infrastruttura tal-IT u Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet (CMS) effiċjenti, aġġornati u li jaħdmu sew biex hija tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod effiċjenti. Il-Kunsill jirrikonoxxi li biex isir dan it-titjib jenħtieġu riżorsi umani u finanzjarji adatti.
20. Bil-ħsieb ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill iqis li l-Eurojust għandha tingħata riżorsi adegwati, inkluż għall-benefiċċju tan-netwerks li jiddependu mill-baġit tal-Eurojust, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tagħha bħala attur vitali fil-katina tas-sigurtà u l-ġustizzja kriminali fl-UE, u biex jiġi żgurat l-iżvilupp kontinwu tal-ħidma strateġika u operazzjonali importanti tagħha.
-